MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2012

Numru. 1152/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**

**VS**

**GIUSEPPE SALIBA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giuseppe Saliba detentur tal-Karta tal-Identita` numru 419556 M.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar it-2 ta` Novembru 2012, ghall-habta tad-disgha ta` filghaxija u fil-hinijiet ta` qabel, gewwa Triq in-Nirien,

Siggiewi, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Maria Teresa Saliba, ID 549561 M, u/jew b'mod li kien jaf li dan kien ta` fastidju ghall-imsemmija persuna;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u matul il-jiem ta` qabel, f'diversi hinijiet u f'diversi mkejjen fil-Gzejjer Maltin, l-imgieba tieghu ikkagunat biza` lil martu Maria Teresa Saliba, ID 549561 M li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta` xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u matul il-jiem ta` qabel, f'diversi hinijiet u f'diversi mkejjen fil-Gzejjer Maltin, ingurja jew hedded lil martu Maria Teresa Saliba, ID 549561 M jew jekk kien ipprovokat, ingurjaha b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli huwa akkuzat illi wettaq reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza;

5. U fl-ahharnett huwa akkuzat ukoll talli sar ricediv b'ricediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. Il-Qorti giet gentilment mitluba meta jidhrilha xieraq biex tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputat u l-Att ta` twelid tieghu;.

Dina l-Qorti wara li semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet rigward il-piena, wara li rat l-artikoli 339 (1) (e), 222 (1), 251A (1), 251B, 49, 50, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u wara li semghet l-ammissjoni volontarja tal-imputat, tinnota illi dawn l-incidenti bejn l-imputat u l-mara u familjari ohra taghhom qed isir wisq sikwit u fuq medda twila taz-zmien. Milli jidher l-imputat ma jridx jitghallem il-lezzjoni u ghalhekk din il-Qorti temmen illi hija ghandha tkun iebsa mal-imputat tant illi tinvringi piena sostanzjali sabiex isservi ta` deteriment ghar-rikommissjoni ta` dan l-istess reat.

Ghaldaqstant waqt illi taghmel referenza ghas-sentenza sospiza inflitta fuq l-imputat minn Qorti diversament ipreseduta ta` sena (1) habs sospizi ghal tlett (3) snin u garanzija personali ta` elfejn ewro (€2,000) li ma jkelliemx lil Antonia Caruana. Din il-Qorti qed testendi l-perjodu ta` habs ghal tletin (30) xahar ta` detenzjoni sospizi b’erba` (4) snin, waqt illi testendi l-garanzija ta` elfejn ewro (€2,000) ghal erba` t’elef ewro (€4,000) mhux biss fil-konfront ta` Antonia Caruana imma wkoll fil-konfront ta` mart l-imputat, Maria Teresa Saliba u ta` uliedu Luke, Naomi, Michaela u Isaac, kif ukoll dawk kollha li ghandhom parentela stretta ma` Maria Teresa Saliba.

Il-Qorti qieghda wkoll tippreviggi lill-imputat milli jkun gewwa Triq in-Nirien, Siggiewi, u arja ta` tlett mitt (300) metru minnha u jekk jinstab hemm mill-Awtoritajiet kompetenti din il-Qorti qed tghati ordni li jigu isstitwiti proceduri Kriminali kontra l-istess imputat ta` ksur ta` din l-estenzjoni ta` sentenza sospiza.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------